MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1529/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Wayne Falzon (ID 387585M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-5 ta Ottubru 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, tlett mija u sitta u sittin ewro, u tnejn u disghin centezmu (€1366.92) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta mandat ta’ sekwestru u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is somma ta' elf tlett mija u sitta u sittin ewro, u tnejn u disghin centezmu (€1366.92) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------